# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-20 ta' Ġunju 2019 – a&o hostel and hotel Berlin vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-578/17)**

"Għajnuna mill-Istat - Għajnuna għall-funzjonament - Ħostel għaż-żgħażagħ, f'Berlin - Użu ta' beni immobiljari pubbliku mingħajr ħlas ta' kera - Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna possibbli kompatibbli mas-suq intern - Artikolu 107(3)(c) TFUE - diffikultajiet serji"

1. *Proċedura ġudizzjarja – Intervent – Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mhux imqajma mill-konvenut – Inammissibbiltà – Eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku – Eżami ex officio mill-qorti*

   *(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 40; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 129 u 142(3))*

   *(ara l-punt 36)*

2. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà ta' għajnuna statali mas-suq komuni mingħajr il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali – Rikors tal-partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet*

   *(Artikolu 108(2) u (3), u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; regolament tal-Kunsill Nru 2015/1589, Artikolu 1(h))*

   *(ara l-punti 37-54)*

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Eżami mill-Kummissjoni – Fażi preliminari u fażi kontradittorja – Obbligu tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura kuntradittorja f'każ ta' diffikultajiet serji – Kunċett ta' diffikultajiet serji – Natura oġġettiva – Stħarriġ ġudizzjarju – Portata*

   *(Artikoli 107(1) u 108(2) u (3) TFUE)*

   *(ara l-punti 57-60)*

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Eżami mill-Kummissjoni – Fażi preliminari u fażi kontradittorja – Obbligu tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura kuntradittorja f' każ ta' diffikultajiet serji – Ċirkustanzi li jippermettu li tiġi ddikjarata l-eżistenza ta' tali diffikultajiet – Stħarriġ ġudizzjarju – Oneru tal-prova*

*(Artikolu 107 (3) TFUE)*

*(ara l-punti 63-67)*

5. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Projbizzjoni – Derogi – ħajnuna li tista' tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(c) TFUE – Għajnuna għat-tħaddim – Esklużjoni – Eċċezzjonijiet*

   *(Artikolu 107(3) TFUE)*

   *(ara l-punti 72-79)*

6. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Eżami mill-Kummissjoni – Fażi preliminari u fażi kontradittorja – Kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern – Diffikultà ta' evalwazzjoni – Obbligu tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura kontradittorja – Ċirkustanzi li jippermettu li tiġi ddikjarata l-eżistenza ta' tali diffikultajiet – Kunsiderazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma jippermettux li tiġi kkonstatata n-natura ta' inċentiv, neċessarja u proporzjonata tal-miżuri tal-Istat u teskludi l-bidla, permezz ta' dawn il-miżuri, tal-kummerċ bejn l-Istati Membri*

   *(Artikolu 107(3) (c) TFUE; regolament tal-Kunsill Nru 2015/1589, Artikolu 4(3))*

   *(ara l-punti 90-118, 124-128)*

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 3220 finali, tad-29 ta' Mejju 2017, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.43145 (2016/FC) — il-Ġermanja, dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna mill-Istat mhux fiskali illegali favur il-Jugendherberge Berlin Ostkreuz gGmbH, li sommarju tagħha huwa ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, C 193, p. 1).

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 3220 finali, tad-29 ta' Mejju 2017, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.43145 (2016/FC) — il-Ġermanja, dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna mill-Istat mhux fiskali illegali favur il-Jugendherberge Berlin Ostkreuz gGmbH, hija annullata.

2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn a&o hostel and hotel Berlin GmbH.

3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.